IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.11.2025
COM(2025) 801 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Strateġija Ewropea għat-Taħriġ Ġudizzjarju għall-2025-2030**
**Il-ħolqien ta' ambjent favorevoli għal DigitalJustice@2030**

MT MT

## 1. Strateġija għat-Taħriġ Ġudizzjarju għall-2025–2030[1]

Id-diġitalizzazzjoni u l-adozzjoni ta' soluzzjonijiet tal-IA huma essenzjali għall-bini tal-kapaċità tal-amministrazzjonijiet pubbliċi fl-UE biex jipprovdu servizzi pubbliċi effiċjenti u ta' kwalità għolja b'mod kosteffettiv[2]. Dan huwa minnu wkoll, u tal-istess importanza kritika, fil-qasam tal-ġustizzja, fejn it-trasformazzjoni diġitali għandha l-potenzjal li ttejjeb l-effiċjenza u l-kwalità tas-sistemi tal-ġustizzja u l-aċċess għall-ġustizzja.

Il-pajjiżi li għandhom sistemi tal-ġustizzja effettivi, jiggarantixxu l-aċċess għall-ġustizzja, u jiżguraw kwalità għolja tal-ġustizzja u trasparenza, huma aktar probabbli li jattiraw l-investiment. Għalhekk, id-diġitalizzazzjoni u l-IA jistgħu jikkontribwixxu għat-tkabbir u l-kompetittività tal-ekonomiji tal-UE[3]. Il-kwalità tal-ġustizzja tista' tittejjeb meta l-professjonisti tal-ġustizzja jiffukaw fuq id-dmir ewlieni tagħhom li ssir il-ġustizzja, filwaqt li l-għodod diġitali jintużaw għal kompiti tekniċi u ta' rutina. Id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja għandha l-potenzjal li tipprovdi aċċess aktar rapidu u sempliċi għall-ġustizzja, biex b'hekk jitqarreb kemm lejn l-individwi kif ukoll lejn in-negozji. Huwa importanti wkoll li l-ġustizzja ssir aktar reżiljenti għall-kriżi, kif muri matul il-pandemija tal-COVID-19. Ir-rwol kruċjali tad-diġitalizzazzjoni ġie affermat mill-ġdid fil-patt ġdid tal-Kunsill Ewropew dwar il-kompetittività Ewropea[4] u fil-Linji Gwida Politiċi tal-President von der Leyen 2024–2029[5].

L-istrateġija tal-Kummissjoni DigitalJustice@2030[6] għandha l-għan li taċċellera d-diġitalizzazzjoni tas-sistemi tal-ġustizzja fl-UE sal-2030. Fil-prattika, dan ifisser li jiġi appoġġat il-varar ta' għodod diġitali fil-ġustizzja biex tittejjeb l-effiċjenza kif ukoll li l-Istati Membri jkunu jistgħu jitgħallmu minn xulxin fl-iżvilupp u l-użu ta' għodod u infrastruttura diġitali. Sal-2030, il-professjonisti tal-ġustizzja, in-negozji u l-individwi kollha għandhom ikunu jistgħu jgawdu minn aċċess online faċli għal-leġiżlazzjoni u l-ġurisprudenza kollha. Huwa antiċipat ukoll li kull Stat Membru se jimmira li jkollu punt ta' dħul diġitali uniku li jippermetti lill-individwi kollha, inkluż il-persuni b'diżabilità, jagħmlu kuntatt mal-qrati, jipparteċipaw f'seduti u jniedu u javvanzaw proċeduri ġudizzjarji fi kwalunkwe mument, minn kullimkien. Dan se jżid b'mod sinifikanti l-aċċess għall-ġustizzja filwaqt li jnaqqas il-kost.

L-isfruttar ta' dan il-potenzjal jirrikjedi li l-professjonisti tal-ġustizzja jiksbu l-ħiliet, l-għarfien u s-sensibilizzazzjoni rilevanti. Għal dak l-għan, it-taħriġ ġudizzjarju huwa strumentali u faċilitatur ewlieni ta' din il-viżjoni DigitalJustice@2030[7], filwaqt li jindirizza d-diskrepanzi fil-ħiliet diġitali,

---

[1] Din l-istrateġija tibni fuq strateġiji preċedenti. L-għoti ta' taħriġ lill-professjonisti tal-ġustizzja dwar l-acquis legali eżistenti jibqa' importanti, sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni tal-UE fl-oqsma tal-ġustizzja ċivili u kriminali u l-applikazzjoni prattika tad-drittijiet fundamentali. Din l-istrateġija hija bbażata fuq l-evidenza mit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE, ir-Rapporti dwar it-Taħriġ Ġudizzjarju u r-rendikont tar-riżultati tat-taħriġ ġudizzjarju 2021–2024, kif ippreżentati fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni ta' akkumpanjament. Hija bbażata fuq valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet imwettqa mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż fil-konferenzi dwar it-taħriġ ġudizzjarju tal-Kummissjoni tal- 2023 u tal-2024.

[2] The future of European competitiveness: ir-Rapport ta' Mario Draghi, p. 67.

[3] COM(2025) 30 - Boxxla għall-Kompetittività tal-UE, p. 7.

[4] Il-Kunsill tal-UE (838/24) - Dikjarazzjoni ta' Budapest dwar il-Patt Ġdid dwar il-Kompetittività Ewropea, p. 1.

[5] "L-Għażla Quddiem l-Ewropa" – Linji Gwida Politiċi Għall-Kummissjoni Ewropea li Jmiss 2024–2029, p. 6.

[6] COM(2025) 801 – Strateġija DigitalJustice@2030.

[7] Il-Konklużjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Presidenza Pollakka fil-Kronaka uffiċjali tal-laqgħa tal-esperti taħt il-presidenza Pollakka tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea f'Varsavja — Sfidi Ġodda tal-Iżvilupp tal-IA u l-Komunikazzjoni elettronika fil-Qasam tal-Ġustizzja (19–20 ta' Mejju 2025).

enfasizzat mir-rapporti ta' Draghi[8], Letta[9] u Niinistö[10]. L-Istrateġija Ewropea tal-Ġustizzja Elettronika 2024–2028 tal-Kunsill[11] enfasizzat li t-trasformazzjoni diġitali tal-ġustizzja trid tinkludi l-awtonomizzazzjoni diġitali u l-bini tal-kapaċitajiet tal-utenti tagħha u li għandha tingħata attenzjoni speċjali għat-taħriġ lill-professjonisti tal-ġustizzja.

Sabiex tappoġġa l-għanijiet tal-Istrateġija DigitalJustice@2030, din l-Istrateġija għat-Taħriġ Ġudizzjarju tappella għal miżuri speċifiċi biex jitrawwem ambjent favorevoli għat-titjib tal-ħiliet tal-professjonisti tal-ġustizzja fl-użu tal-għodod u l-infrastruttura diġitali, il-bini tal-għarfien tagħhom dwar id-dritt sostantiv u proċedurali tal-UE u nazzjonali adattat għall-ħtiġijiet tal-ekonomija u s-soċjetà diġitali, u l-iżvilupp ta' fehim tal-ħtieġa għad-diġitalizzazzjoni. F'dan ir-rigward, element ċentrali huwa li l-professjonisti jingħataw il-ħiliet li jeħtieġu biex jużaw teknoloġiji ġodda[12]. F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-użu tal-intelliġenza artifiċjali fil-qasam tal-ġustizzja[13], il-fornituri tat-taħriġ huma mitluba jiżviluppaw taħriġ u jawtonomizzaw lill-professjonisti tal-ġustizzja biex ilaħħqu mad-diġitalizzazzjoni tas-sistemi tal-ġustizzja, b'mod partikolari l-użu tal-IA fil-ġustizzja.

## 2. Objettivi

### 2.1. Ħiliet diġitali

L-Ewropa teħtieġ approċċ ġdid għall-ħiliet[14]. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni Ewropea introduċiet l-Unjoni tal-Ħiliet[15], pjan li għandu l-għan li jiżgura li kulħadd fl-Ewropa jingħata s-setgħa li jibni pedamenti ta' ħiliet solidi, li jimpenja ruħu għat-titjib tal-ħiliet tul il-ħajja u jikseb il-ħiliet diġitali bażiċi u avvanzati kollha meħtieġa biex iwettaq ir-rwol tiegħu[16]. Adottat ukoll il-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali[17], li fformula l-għan li sal-2030, is-servizzi pubbliċi ewlenin għandhom ikunu pprovduti 100 % online. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar it-tisħiħ tal-Ispazju Amministrattiv Ewropew (ComPAct)[18] tipprovdi miżuri konkreti għall-promozzjoni tal-użu sostenibbli u effettiv ta' teknoloġiji emerġenti u t-titjib tal-ħiliet diġitali tal-forza tax-xogħol tas-servizz pubbliku.

Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, il-professjonisti kollha tal-ġustizzja jridu jiksbu l-ħiliet meħtieġa fil-litteriżmu tal-IT u tal-IA[19]. Għandhom ikunu jistgħu jużaw b'mod effettiv l-għodod — inkluż l-IA — u l-infrastruttura diġitali, u japplikaw b'mod kompetenti proċeduri u għodod transfruntiera diġitalizzati, inkluż is-sistema deċentralizzata tal-IT stabbilita bir-Regolament (UE)

[8] The future of European competitiveness: ir-Rapport ta' Mario Draghi, p. 36–37.
[9] Report More than a Market, p. 47, 21-22.
[10] Safer Together Strengthening Europe's Civilian and Military Preparedness and Readiness, p. 78.
[11] Strateġija Ewropea dwar il-Ġustizzja elettronika 2024–2028 (C/2025/437), il-paragrafu 52.
[12] The future of European competitiveness:ir-Rapport ta' Mario Draghi, p. 36–37.
[13] Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali fil-qasam tal-ġustizzja (16593/24), il-paragrafu 19.
[14] The future of European competitiveness: ir-Rapport ta' Mario Draghi, p. 36–37.
[15] COM(2025) 90 final - Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea bit-titolu "L-Unjoni tal-Ħiliet", p. 4.
[16] COM(2022) 28 final - Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali, p. 3.
[17] Id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi dwar id-Deċennju Diġitali tal-Ewropa: miri diġitali għall-2030 | Il-Kummissjoni Ewropea, p. 4.
[18] COM/2023/667 final - It-tisħiħ tal-Ispazju Amministrattiv Ewropew (ComPAct) - Il-Kummissjoni Ewropea
[19] Il-Konklużjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Presidenza Pollakka fil-Kronaka uffiċjali tal-laqgħa tal-esperti taħt il-presidenza Pollakka tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea f'Varsavja — Sfidi Ġodda tal-Iżvilupp tal-IA u l-Komunikazzjoni elettronika fil-Qasam tal-Ġustizzja (19–20 ta' Mejju 2025).

2023/2844[20]. Barra minn hekk, għandhom ikunu jistgħu jaċċessaw bażijiet ta' data diġitali minn naħa għal oħra tal-fruntiera u jiġġestixxu l-impatt tad-diġitalizzazzjoni fuq il-proċedimenti tal-qorti. Skont ir-rwoli professjonali tagħhom, għandhom ikunu jistgħu jiġġestixxu l-każijiet b'mod diġitali, jiġifieri jivvalutaw, jittrasferixxu u jipproċessaw b'mod korrett id-dokumenti diġitali u jagħmlu użu xieraq mill-vidjokonferenzi li jiżgura r-rispett għad-drittijiet proċedurali u s-salvagwardji għall-persuni ssuspettati, il-persuni akkużati, il-persuni rikjesti u l-vittmi, l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità, u l-konformità mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data. Peress li ħafna atti proċedurali jitħejjew mill-persunal tal-qorti jew inkella jirrikjedu l-involviment tagħhom, huma wkoll għandhom jibbenefikaw minn taħriġ regolari fil-ħiliet diġitali. It-taħriġ ġudizzjarju għandu jattrezza wkoll lill-professjonisti biex jużaw sistemi diġitali li jtejbu l-aċċess tat-tfal għall-ġustizzja u l-protezzjoni ġudizzjarja, filwaqt li jissalvagwardjaw id-drittijiet parteċipattivi tagħhom.

Is-sistemi ta' taħriġ jeħtieġ li jsiru aktar risponsivi għall-ħtiġijiet tal-ħiliet li qed jinbidlu u għad-diskrepanzi fil-ħiliet li jirriżultaw minn żviluppi teknoloġiċi li jħallu impatt fuq is-sistemi tal-ġustizzja. It-taħriġ għandu jippermetti lill-professjonisti tal-ġustizzja jadattaw għall-ambjent legali li qed jevolvi u għandu jnaqqas id-diskrepanzi fil-ħiliet diġitali. Il-ġestjoni tal-isfidi maħluqa mit-trasformazzjoni diġitali tirrikjedi kollaborazzjoni effettiva bejn il-professjonisti tal-ġustizzja, l-esperti tal-IT u l-korpi kompetenti.

It-taħriġ għandu jippermetti wkoll lill-professjonisti tal-ġustizzja jiġġeneraw titjib fl-effiċjenza mill-użu tal-għodod tal-IA. B'mod parallel, għandu jippromwovi l-użu effiċjenti u responsabbli tal-għodod tal-IA fil-ġustizzja, f'konformità mal-qafas legali tal-UE. Meta jvaraw is-sistemi tal-IA, il-professjonisti tal-ġustizzja kif ukoll membri oħra tal-persunal tal-amministrazzjonijiet ġudizzjarji jrid ikollhom għarfien sod dwar kif jużaw l-għodod tal-IA b'mod kemm effiċjenti kif ukoll responsabbli fl-ambjenti tax-xogħol rispettivi tagħhom. L-inizjattivi ta' taħriġ għandhom jipprijoritizzaw l-iżvilupp tal-litteriżmu fl-IA u l-ħiliet meħtieġa biex wieħed jifhem, jevalwa u japplika b'mod xieraq l-għodod tal-IA. Dan jinkludi għarfien sħiħ tal-benefiċċji, il-limitazzjonijiet u r-riskji inerenti tagħhom kif ukoll l-iżgurar tal-konformità mal-qafas legali applikabbli.

L-iffajljar elettroniku tal-qorti jirrikjedi li l-persunal tal-amministrazzjonijiet ġudizzjarji jitħarreġ biex iħaddem sistemi ta' ffajljar elettroniku b'mod effettiv u jiżgura li dawn jintużaw sal-potenzjal sħiħ tagħhom[21]. Il-persunal jeħtieġ li jkun imħarreġ tajjeb sabiex jiġġestixxi d-data ġudizzjarja b'mod korrett, pereżempju biex jippubblika d-deċiżjonijiet ġudizzjarji online u jagħmel tali informazzjoni aċċessibbli f'format strutturat, li jinqara mill-magni u li jista' jitniżżel li mbagħad jikkontribwixxi wkoll għall-Ispazju Ewropew tad-Data Legali. Sabiex tinftiehem l-interazzjoni bejn is-sistemi u d-data, it-taħriġ ġudizzjarju għandu jkopri s-suġġett tal-interoperabbiltà. Din il-ħidma tista' tagħmel użu mill-ħidma dwar l-Akkademja Ewropa Interoperabbli[22] fil-kuntest tar-Regolament 2024/903 (l-Att dwar Ewropa Interoperabbli). Sabiex jiġu msaħħa l-kompetenzi diġitali tal-professjonisti tal-ġustizzja fl-eżerċizzju tad-dmirijiethom (jew "e-kompetenzi ġudizzjarji"), is-suġġetti tat-taħriġ għandhom jinkludu l-ġestjoni elettronika tal-każijiet, il-ġestjoni elettronika tal-awla tal-qorti, it-tmexxija, il-komunikazzjoni b'mezzi elettroniċi, l-etika, iċ-ċibersigurtà u r-reżiljenza. Il-mexxejja u l-maniġers fis-settur tal-ġustizzja jridu jiżviluppaw ukoll

[20] Ir-Regolament (UE) 2023/2844 dwar id-diġitalizzazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-aċċess għall-ġustizzja f'materji ċivili, kummerċjali u kriminali transfruntieri, u li jemenda ċerti atti fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja.
[21] CEPEJ Guidelines on electronic court filing (e-filing) and digitalisation of courts, CEPEJ(2021) 15, CEPEJ Guidelines for the Online Publication of Judicial Decisions Aiming at Furthering Legal Knowledge CEPEJ(2024) 9.
[22] Interoperable Europe Academy fuq il-Portal Ewropa Interoperabbli u Interoperable Europe Academy fuq EU Academy.

ħiliet ta' ġestjoni tal-bidliet biex jadattaw b'mod effettiv għall-avvanzi teknoloġiċi, jimplimentaw prattiki ġodda, u jiggwidaw it-tranżizzjonijiet diġitali kemm fi ħdan l-amministrazzjonijiet ġudizzjarji kif ukoll f'kollaborazzjoni mal-partijiet ikkonċernati kollha tal-ġustizzja. Dawn il-ħiliet huma essenzjali biex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel lejn sistemi u teknoloġiji diġitali ġodda.

L-objettivi ewlenin ta' din l-Istrateġija Ewropea għat-Taħriġ Ġudizzjarju u l-azzjonijiet mitluba fiha huma kompatibbli bis-sħiħ mal-miżuri speċifiċi[23] inklużi fil-pjan ta' Implimentazzjoni għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tisħiħ tal-Ispazju Amministrattiv Ewropew (ComPAct).

**Azzjoni 1:** Isir disponibbli taħriġ għall-professjonisti kollha tal-ġustizzja biex jibnu l-litteriżmu tal-IT u tal-IA tagħhom, filwaqt li jiġi żgurat li t-taħriġ ikun imfassal apposta għar-rwoli u r-responsabbiltajiet speċifiċi tagħhom.

**Azzjoni 2:** Jiġu pprovduti moduli ta' taħriġ iddedikati u xierqa biex jakkumpanjaw l-atti legali kollha tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u r-rikonoxximent reċiproku li jinkludu komponent diġitali. Barra minn hekk, jiġi pprovdut taħriġ xieraq, li jkun disponibbli għal kull utent, biex jakkumpanja l-għodod tal-IT u l-infrastruttura varati għall-użu mill-professjonisti tal-ġustizzja.

**Azzjoni 3:** Għal kull att legali dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar id-Diġitalizzazzjoni, jiġi pprovdut modulu ta' taħriġ — disponibbli fil-lingwi kollha tal-UE — dwar l-użu tal-għodod diġitali stabbiliti b'dak ir-Regolament.

**Azzjoni 4:** In-networks Ewropej tal-professjonisti tal-ġustizzja jiġu mistiedna jidentifikaw, jiddokumentaw, u jippromwovu b'mod sistematiku l-istejjer ta' suċċess u t-tagħlimiet meħuda mit-tnedija tal-għodod u l-infrastruttura tal-IT fis-settur tal-ġustizzja.

**Azzjoni 5:** Jitnieda b'mod progressiv qafas ta' ċertifikazzjoni għall-ħiliet diġitali tal-professjonisti tal-ġustizzja, li jirrifletti l-ħtiġijiet u l-karatteristiċi speċifiċi tal-professjonijiet differenti.

### 2.2. Dritt sostantiv fil-kuntest tal-ekonomija u s-soċjetà diġitali u għodod ta' kooperazzjoni transfruntiera

It-tranżizzjoni diġitali wasslet (u se tkompli twassal) għal leġiżlazzjoni ġdida li tirregola l-użu ta' teknoloġiji ġodda f'ħafna oqsma tal-ekonomija u s-soċjetà diġitali. Ġabet ukoll (u se ġġib) bidliet fil-liġijiet eżistenti sabiex jiġu indirizzati sfidi teknoloġiċi ġodda. Għalhekk huwa imperattiv li l-professjonisti tal-ġustizzja ikunu jafu bi u japplikaw id-dritt sostantiv li jindirizza l-ħtiġijiet tal-ekonomija u s-soċjetà diġitali, pereżempju l-Att dwar l-IA[24], l-Att dwar id-Data[25], l-Att dwar Ewropa Interoperabbli[26], l-Att dwar is-Swieq Diġitali[27], l-Att dwar is-Servizzi Diġitali[28], id-

[23] Huma jagħtu prijorità (fost oħrajn): lill-ġbir u l-immappjar ta' taħriġ eżistenti, l-iżvilupp ta' passaporti tal-kompetenzi ewlenin u oqfsa ta' kompetenza għal ħiliet ġodda (diġitali, ekoloġiċi, fl-innovazzjoni, eċċ), il-ġbir u l-kondiviżjoni ta' prattiki tajbin dwar il-GovTech u l-użu tal-IA, il-kondiviżjoni ta' standards għad-definizzjoni ta' mudelli ta' data biex jikkonformaw mad-Direttiva dwar id-Data Miftuħa u l-kondiviżjoni ta' prattiki tajba dwar standards etiċi għall-IA.
[24] Ir-Regolament (UE) 2024/1689 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali.
[25] Ir-Regolament (UE) 2023/2854 dwar regoli armonizzati dwar l-aċċess ġust għad-data u l-użu tagħha.
[26] Ir-Regolament (UE) 2024/903 li jistipula miżuri għal livell għoli ta' interoperabbiltà tas-settur pubbliku fl-Unjoni kollha.
[27] Ir-Regolament (UE) 2022/1925 dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali.
[28] Ir-Regolament (UE) 2022/2065 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali.

Direttiva dwar il-Kontenut Diġitali[29], id-Direttiva dwar il-Bejgħ tal-Oġġetti[30], id-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà għall-Prodotti[31] u r-Regolament dwar il-Kontenut Terroristiku Online[32]. Il-professjonisti tal-ġustizzja jeħtieġu wkoll li jifhmu u jingħataw taħriġ prattiku dwar il-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data, pereżempju r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data[33], id-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi[34] u r-Regolament tal-UE dwar il-Protezzjoni tad-Data[35], li hija rilevanti fil-kuntest tad-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja. Barra minn hekk, jeħtieġu wkoll l-għarfien tal-liġijiet dwar l-aċċessibbiltà diġitali bħall-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà[36]. It-tranżazzjonijiet diġitali transfruntieri kumplessi, l-użu ta' approċċ diġitali fil-qafas legali korporattiv propost tat-28 reġim, it-teħid ta' deċiżjonijiet sostnut mill-algoritmu u l-ipproċessar tad-data personali huma biss ftit eżempji ta' oqsma fejn jista' jinqala' tilwim li l-liġijiet eżistenti — li dwarhom il-professjonisti tal-ġustizzja kienu inizjalment imħarrġa — jistgħu ma jkunux imfassla biex jindirizzawhom. Għalhekk meta tfeġġ leġiżlazzjoni ġdida jew emendata, kif ukoll ġurisprudenza assoċjata tal-QĠUE, it-titjib kontinwu tal-ħiliet tal-professjonisti tal-ġustizzja jsir essenzjali biex jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet jittieħdu f'konformità mar-regoli legali l-ġodda u li jiġu infurzati b'mod korrett u effettiv.

Il-professjonisti tal-ġustizzja jrid ikollhom ukoll għarfien profond tad-dritt proċedurali u l-kooperazzjoni transfruntiera ffaċilitati minn ambjenti diġitalizzati tal-ġustizzja. Ir-Regolamenti dwar il-Kumpilazzjoni ta' Xhieda[37] u dwar in-Notifika ta' Dokumenti[38] jirrikjedu li l-awtoritajiet ġudizzjarji jikkomunikaw b'mod elettroniku mill-1 ta' Mejju 2025 billi jużaw is-sistemi tal-IT deċentralizzati stabbiliti skont dawk l-atti. Għalhekk huwa importanti li l-professjonisti tal-ġustizzja, minbarra li jkunu profiċjenti fil-qafas legali stabbilit minn dawk iż-żewġ Regolamenti, ikunu mħarrġa tajjeb ukoll fl-użu tas-sistemi tal-IT deċentralizzati.

Ir-Regolament (UE) 2023/2844 wettaq aġġornament diġitali maġġuri għall-kanali eżistenti tal-komunikazzjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera. Il-professjonisti tal-ġustizzja jeħtieġ li jkunu profiċjenti bis-sħiħ fl-użu tas-sistema tal-IT deċentralizzata u l-Punt ta' Aċċess Elettroniku Ewropew stabbilit b'dak ir-Regolament sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effiċjenti. Pereżempju, avukat li jkun jixtieq iressaq talba żgħira f'konformità mal-

[29] Id-Direttiva (UE) 2019/770 dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw il-kuntratti għall-provvista ta' kontenut diġitali u ta' servizzi diġitali.

[30] Id-Direttiva (UE) 2019/771 dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw kuntratti għall-bejgħ ta' oġġetti.

[31] Id-Direttiva (UE) 2024/2853 dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti difettużi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE.

[32] Ir-Regolament (UE) 2021/784 dwar l-indirizzar tad-disseminazzjoni ta' kontenut terroristiku online.

[33] Ir-Regolament (UE) 2016/679 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data).

[34] Id-Direttiva (UE) 2016/680 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI.

[35] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE.

[36] Id-Direttiva (UE) 2019/882 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi, kif ukoll id-Direttiva (UE) 2016/2102 dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku.

[37] Ir-Regolament (UE) 2020/1783 dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni tax-xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali (kumpilazzjoni tax-xhieda).

[38] Ir-Regolament (UE) 2020/1784 dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali.

Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar għandu — minbarra li jkun jaf il-passi proċedurali skont ir-Regolament dwar Talbiet Żgħar — ikun ukoll f'pożizzjoni jagħmel użu mill-Punt ta' Aċċess Elettroniku Ewropew biex jibgħat it-talba lill-qorti kompetenti fi Stat Membru ieħor. Min-naħa tiegħu, l-imħallef li jirċievi t-talba fl-Istat Membru fejn ikunu qed jitmexxew il-proċedimenti ġudizzjarji għandu jkun f'pożizzjoni li jagħmel użu mis-sistema tal-IT deċentralizzata sabiex jipproċessa t-talba u jibgħat ir-risposta tal-qorti lura lir-rikorrent. Bl-istess mod, prosekutur pubbliku li joħroġ Mandat ta' Arrest Ewropew irid jifhem b'mod ċar meta għandu jittrażmettih permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u meta u kif għandu juża s-sistema tal-IT deċentralizzata stabbilita skont ir-Regolament (UE) 2023/2844.

L-istess taħriġ ġudizzjarju huwa meħtieġ ukoll fir-rigward tal-pjattaforma ta' kollaborazzjoni tal-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunti[39] u s-sistemi tal-IT deċentralizzati stabbiliti bir-Regolament emendatorju (UE) 2023/2131 fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni diġitali f'każijiet ta' terroriżmu[40], ir-Regolament dwar l-evidenza elettronika[41], u r-Regolament dwar it-Trasferiment tal-Proċedimenti f'Materji Kriminali[42].

B'mod aktar ġenerali, il-professjonisti tal-ġustizzja għandhom ikunu familjari mal-użu tal-għodod diġitali, b'mod partikolari l-għodod tal-IA, b'għarfien sħiħ tal-limitazzjonijiet tagħhom u r-regoli li jirregolaw l-użu tagħhom u r-riskji inerenti ta' tali għodod. Pereżempju, il-professjonisti tal-ġustizzja għandhom ikunu jafu kif jużaw tajjeb sistema ta' traskrizzjoni tat-taħdit bl-IA għall-konverżjoni tal-awdjo reġistrazzjonijiet ta' proċedimenti u seduti tal-qorti li mbagħad isiru parti mill-fajl, jew kif jaċċessaw id-data meħtieġa għall-investigazzjonijiet kriminali mill-fornituri tas-servizzi.

**Azzjoni 6:** Jiġi żgurat li l-kurrikuli nazzjonali tat-taħriġ inizjali u l-offerti ta' taħriġ kontinwu għall-professjonisti tal-ġustizzja jindirizzaw:

- id-dritt sostantiv rilevanti għall-ekonomija u s-soċjetà diġitali, inkluż dwar il-protezzjoni tad-drittijiet individwali u tan-negozju fl-ispazju diġitali;

- l-istrumenti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera u ta' rikonoxximent reċiproku tal-UE f'materji ċivili, kummerċjali u kriminali, b'fokus partikolari fuq id-diġitalizzazzjoni.

**Azzjoni 7:** Jiġu mistiedna n-networks Ewropej tal-professjonisti tal-ġustizzja biex jidentifikaw, jiddokumentaw u jippromwovu regolarment l-iskambju tal-aħjar prattiki meħud minn tali taħriġ.

### 2.3. Sensibilizzazzjoni

Id-diġitalizzazzjoni tas-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali u tal-kooperazzjoni transfruntiera f'materji ċivili u kriminali qed taċċellera, filwaqt li l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda li jistgħu jintużaw fil-ġustizzja qed javvanza saħansitra aktar malajr. Il-professjonisti tal-ġustizzja għalhekk jeħtieġ li jkunu konxji tal-potenzjal li għandhom it-teknoloġiji ġodda biex jissemplifikawlhom ix-xogħol

[39] Ir-Regolament (UE) 2023/969 li jistabbilixxi pjattaforma ta' kollaborazzjoni sabiex tappoġġa l-funzjonament tal-iskwadri ta' investigazzjoni konġunti.
[40] Ir-Regolament (UE) 2023/2131 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1727 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI, fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni diġitali f'każijiet ta' terroriżmu.
[41] Ir-Regolament (UE) 2023/1543 dwar l-Ordnijiet ta' Produzzjoni Ewropej u l-Ordnijiet ta' Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika fi proċedimenti kriminali u għall-eżekuzzjoni ta' sentenzi ta' kustodja wara proċedimenti kriminali.
[42] Ir-Regolament (UE) 2024/3011 dwar it-trasferiment tal-proċedimenti f'materji kriminali.

tagħhom u jżidu l-effiċjenza. Għandhom jifhmu wkoll li l-professjonisti kollha tal-ġustizzja jeħtieġu ħiliet diġitali sodi sabiex jiksbu ħakma tajba tal-ambjent tax-xogħol diġitali.

Il-professjonisti tal-ġustizzja jridu wkoll ikunu konxji mill-impatt possibbli tat-teknoloġija moderna, inkluż l-IA, fuq id-drittijiet fundamentali[43] u l-valuri. Għalhekk, it-taħriġ għandu jenfasizza r-relazzjoni bejn l-IA u l-indipendenza ġudizzjarja.

It-teknoloġija fil-qasam tal-ġustizzja għandha tappoġġa, u mhux tieħu post, il-ġudizzju tal-bniedem u r-responsabbiltà professjonali. L-għan tagħha huwa li tillibera l-kapaċità fost il-professjonisti tal-ġustizzja sabiex dawn ikunu jistgħu jiffukaw fuq il-kompiti ewlenin tagħhom. Dan l-approċċ ibbilanċjat huwa essenzjali mhux biss għaż-żamma tal-motivazzjoni professjonali iżda wkoll għas-salvagwardja tal-fiduċja pubblika. Barra minn hekk, irid ikun ukoll is-suġġett ta' taħriġ għal mexxejja u maniġers li jimplimentaw bidla fl-amministrazzjonijiet ġudizzjarji.

Fl-aħħar nett, it-taħriġ għandu jipprepara lill-professjonisti tal-ġustizzja biex ikollhom rwol proattiv fit-tfassil, l-iżvilupp, u l-varar ta' prodotti u servizzi diġitali relatati ma' xogħolhom. Il-proċessi ta' trasformazzjoni diġitali għandhom jitfasslu *mal*-professjonisti tal-ġustizzja u *għalihom* sabiex ikunu ġenwinament utli għall-kompiti tagħhom ta' kuljum[44].

**Azzjoni 8:** Isir disponibbli taħriġ speċifiku għall-professjonisti kollha tal-ġustizzja dwar ir-rilevanza, l-utilità u l-impatti tad-diġitalizzazzjoni, speċjalment fir-rigward tal-użu tal-IA, dwar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-professjonisti tal-ġustizzja.

**Azzjoni 9:** Il-mexxejja u l-maniġers fis-settur tal-ġustizzja jiġu mħarrġa biex jippromwovu b'mod attiv it-tranżizzjoni diġitali u biex ifasslu proċessi ta' trasformazzjoni inklużivi.

**Azzjoni 10:** Jiġi inkluż f'kull programm ta' apprendiment ġudizzjarju modulu dwar aspetti relatati tad-diġitalizzazzjoni.

**Azzjoni 11:** Jiġi ffaċilitat l-iskambju professjonali transfruntier għall-ħolqien tas-sensibilizzazzjoni diġitali.

### 2.4. Objettivi oħra tat-taħriġ

#### 2.4.1. Drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt

It-taħriġ ġudizzjarju dwar id-drittijiet fundamentali huwa importanti biex jinbnew sistemi tal-ġustizzja li jirrispettaw il-valuri tal-istat tad-dritt, id-demokrazija u l-ugwaljanza li fuqhom hija msejsa l-UE. Sistemi tal-ġustizzja bħal dawn jibbenefikaw mill-fiduċja, li min-naħa tagħha tixpruna t-tkabbir. Għalhekk ir-rispett għall-istat tad-dritt u għal sistemi tal-ġustizzja li jiffunzjonaw tajjeb jappoġġa l-intraprenditorija u l-investiment.

L-imħallfin indipendenti u professjonisti oħra tal-ġustizzja għandhom rwol ċentrali fl-implimentazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE[45] u d-dritt sekondarju tal-UE, billi

[43] Ara s-sejbiet tar-riċerka mwettqa mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA, Fundamental Rights Agency) dwar id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja u kif taffettwa d-drittijiet fundamentali fir-rapport Digitalising justice: a fundamental rights approach.
[44] Il-Konklużjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Presidenza Pollakka fil-Kronaka uffiċjali tal-laqgħa tal-esperti taħt il-presidenza Pollakka tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea f'Varsavja — Sfidi Ġodda tal-Iżvilupp tal-IA u l-Komunikazzjoni elettronika fil-Qasam tal-Ġustizzja (19–20 ta' Mejju 2025), p. 19, 21.
[45] Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 326, 26.10.2012).

jsarrfuhom f'realtà għan-nies. Fl-istrateġija tagħha biex issaħħaħ l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali[46], il-Kummissjoni impenjat ruħha li tagħti prijorità lill-opportunitajiet ta' taħriġ dwar l-applikazzjoni tal-Karta, il-kamp ta' applikazzjoni, il-kontenut u l-ġurisprudenza relatata tagħha, kif ukoll l-interazzjoni tagħha mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. It-taħriġ dwar id-drittijiet fundamentali għandu jkopri wkoll acquis speċifiku tal-UE, bħall-protezzjoni tal-whistleblower[47], il-protezzjoni kontra diskors ta' mibegħda jew delitti ta' mibegħda[48] u ġustizzja adattata għat-tfal. Prijoritajiet ta' taħriġ addizzjonali huma deskritti fl-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal, li tappella għal edukazzjoni dwar il-prinċipji ewlenin bħall-aħjar interessi tat-tfal, id-dritt tat-tfal li jinstemgħu, u l-ħtieġa ta' aċċess adattat għall-età u proċeduri protettivi. It-taħriġ huwa meħtieġ ukoll biex tiġi żgurata l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar in-nondiskriminazzjoni inkluż fir-rigward tal-persuni b'diżabilità. B'mod aktar ġenerali, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri trid tiġi inkorporata mhux biss fil-kontenut tat-taħriġ ġudizzjarju iżda wkoll fl-organizzazzjoni tiegħu, inkluż fl-għażla tal-parteċipanti fit-taħriġ, l-involviment tal-esperti u l-ġbir tad-data.

**Azzjoni 12:** Jiġu promossi l-kurrikuli nazzjonali tat-taħriġ inizjali u l-offerta ta' taħriġ kontinwu għall-professjonisti tal-ġustizzja biex jiġu indirizzati:

- l-acquis tal-UE dwar l-istat tad-dritt;
- l-acquis tal-UE dwar id-drittijiet fundamentali u n-nondiskriminazzjoni, inkluż l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, id-drittijiet proċedurali u l-mekkaniżmi ta' rimedju eżistenti.

### 2.4.2. Oqsma ta' taħriġ rikorrenti tal-UE

Permezz ta' taħriġ ġudizzjarju, il-professjonisti tal-ġustizzja jiksbu l-għarfien espert biex japplikaw b'mod sistematiku d-dritt tal-UE fil-prattika tagħhom ta' kuljum, filwaqt li jiżguraw il-primazija tiegħu u, fejn applikabbli, l-effett dirett tiegħu. Dan jinkludi li d-drittijiet u l-obbligi minquxa fid-dritt tal-UE jiġu rrispettati f'kull mument fil-proċedimenti domestiċi. Sabiex jinżammu l-integrità u l-effettività tal-ordni legali tal-UE, il-professjonisti tal-ġustizzja jeħtieġ li jżommu l-għarfien tagħhom dwar il-leġiżlazzjoni tal-UE u l-ġurisprudenza rilevanti tal-QĠUE aġġornat. Dan jirrikjedi taħriġ, li mingħajru l-istrumenti legali ġodda u l-ġurisprudenza ma jistgħux jiksbu l-impatt maħsub tagħhom. Dan huwa partikolarment rilevanti fir-rigward tal-istrumenti tal-UE li jirregolaw il-kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera u l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku. It-taħriġ ġudizzjarju huwa l-pedament għall-bini ta' spazju Ewropew ta' ġustizzja aktar b'saħħtu u aktar koeżiv li jħares l-istat tad-dritt u d-drittijiet taċ-ċittadini.

Il-kooperazzjoni ġudizzjarja tista' tkun effettiva biss meta l-Istati Membri jqisu d-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra bħala ekwivalenti għal tagħhom, li timplika mhux biss fiduċja fl-adegwatezza tar-regoli tal-Istati Membri l-oħra, iżda wkoll fiduċja li dawk ir-regoli huma applikati b'mod korrett. Il-ħtiġijiet emerġenti u l-isfidi prattiċi fl-applikazzjoni tal-istrumenti tal-UE dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja u dwar ir-rikonoxximent reċiproku fil-qasam tad-dritt ċivili, kummerċjali u kriminali għalhekk iridu jiġu indirizzati permezz

[46] COM/2020/711 - Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Strateġija biex tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-UE", p. 12–13.
[47] Id-Direttiva (UE) 2019/1937 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni.
[48] Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali.

tat-taħriġ, b'fokus partikolari fuq id-diġitalizzazzjoni biex jiġi żgurat il-forniment modern u effiċjenti tal-ġustizzja minn naħa għal oħra tal-fruntiera.

Fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja ċivili, diġà jeżistu aktar minn 20 strument. L-applikazzjoni korretta tagħhom tiddependi fuq li l-professjonisti tal-ġustizzja jkunu mħarrġa fi strumenti bħar-Regolamenti Brussell Ia, Brussell IIb, dwar in-Notifika tad-Dokumenti, u dwar is-Suċċessjoni, jew id-Direttiva kontra s-SLAPP[49]. Flimkien dawn l-istrumenti jiffurmaw parti mill-acquis tal-UE li hija pjuttost teknika u spiss ma tiġix mifhuma biżżejjed, minkejja r-rilevanza dejjem akbar tagħhom minħabba l-moviment transfruntier dejjem akbar tan-nies u l-kummerċ.

Fir-rigward tal-kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera f'materji kriminali, huwa importanti li l-professjonisti tal-ġustizzja jirċievu taħriġ xieraq biex jiġi żgurat li dawn japplikaw b'mod korrett il-bosta strumenti tal-UE fis-seħħ. Il-biċċa l-kbira ta' dawn huma bbażati fuq il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, inkluż strumenti ġodda bħar-regoli dwar l-evidenza elettronika, ir-Regolament il-ġdid dwar it-Trasferiment tal-Proċedimenti, u biċċiet rilevanti oħra ta' leġiżlazzjoni bħad-Direttiva reċenti dwar l-Irkupru u l-Konfiska tal-Assi[50]. Sabiex jiġġieldu l-kriminalità transfruntiera b'mod effettiv, jeħtieġ ukoll li l-professjonisti tal-ġustizzja jifhmu kif ir-reati kriminali huma armonizzati u kkastigati madwar l-UE, speċjalment id-Direttivi adottati reċentement dwar il-ksur ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni[51] u dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali[52], kif ukoll id-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali[53] u d-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali[54]. B'mod importanti, id-Direttiva Kontra t-Traffikar kif emendata fl-2024[55] speċifikament tirrikjedi li l-Istati Membri jippromwovu jew joffru taħriġ speċjalizzat lill-persunal tal-qorti dwar reati li jikkonċernaw it-traffikar tal-bnedmin.

Il-professjonisti tal-ġustizzja jridu jkunu konxji wkoll tal-korpi u l-aġenziji rilevanti tal-UE b'mandat ta' appoġġ għall-kooperazzjoni ġudizzjarja li l-awtoritajiet nazzjonali jridu jikkooperaw magħhom biex jiżguraw reazzjoni rapida u kkoordinata għat-theddid ikkawżat mill-kriminalità

---

[49] Ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni); ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1111 dwar il-ġuriżdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u dwar sekwestru internazzjonali ta' minuri (riformulazzjoni); ir-Regolament (UE) 2020/1784 dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali (notifika ta' dokumenti) (riformulazzjoni); ir-Regolament (UE) Nru 650/2012 dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni; id-Direttiva (UE) 2024/1069 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn talbiet manifestament infondati jew proċedimenti tal-qorti abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika") flimkien mar-Rakkomandazzjoni orizzontali kontra s-SLAPP, C(2022) 2428 final tas-27.4.2022.

[50] L-Artikolu 26, it-tieni sentenza tad-Direttiva (UE) 2024/1260 (dispożizzjoni dwar it-taħriġ): "Mingħajr preġudizzju għall-indipendenza ġudizzjarja u d-differenzi fl-organizzazzjoni tal-ġudikatura madwar l-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li taħriġ speċjalizzat u l-iskambji tal-aħjar prattiki jkunu disponibbli għall-persunal involut fl-identifikazzjoni, it-traċċar u l-irkupru u l-konfiska tal-assi".

[51] Id-Direttiva (UE) 2024/1226 dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u ta' penali għall-ksur ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni.

[52] Id-Direttiva (UE) 2024/1203 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali u li tissostitwixxi d-Direttivi 2008/99/KE u 2009/123/KE.

[53] Id-Direttiva (UE) 2017/1371 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali.

[54] Id-Direttiva (UE) 2018/1673 dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali.

[55] L-Artikolu 18b tad-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2024/1712.

transfruntiera. Għalhekk għandu wkoll jiġi pprovdut taħriġ dwar il-kompiti u s-setgħat tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE), il-Eurojust u l-obbligi relatati għall-awtoritajiet nazzjonali biex jikkooperaw magħhom.

L-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Vittmi (2020–2025) tenfasizza li t-taħriġ dwar id-drittijiet tal-vittmi huwa essenzjali u li jrid jilħaq b'mod effettiv lill-atturi rilevanti kollha li jkunu f'kuntatt mal-vittmi, bħall-awtoritajiet ġudizzjarji. Qasam ieħor li fih it-taħriġ huwa utli huwa s-suq uniku, li huwa essenzjali għall-kompetittività tal-UE. Is-suq uniku jista' jirnexxi biss jekk ir-regoli tiegħu, b'mod partikolari fil-qasam tal-moviment liberu, jiġu infurzati b'mod korrett, u għalhekk huwa kruċjali li jkunu mifhuma kif xieraq mill-professjonisti tal-ġustizzja. L-objettivi tal-politika ambjentali tal-UE u l-applikazzjoni xierqa tad-dritt ambjentali tal-UE jistgħu jinkisbu biss jekk il-professjonisti tal-ġustizzja b'funzjonijiet rilevanti jibbenefikaw minn taħriġ speċjalizzat.

Fl-aħħar nett, il-membri tal-ġudikatura jibbenefikaw ukoll minn taħriġ fit-trattament ta' azzjonijiet rappreżentattivi kif stabbilit fid-Direttiva dwar Azzjonijiet Rappreżentattivi[56] u skont id-Direttiva dwar is-Soluzzjoni Alternattiva għat-Tilwim riveduta.

Is-suġġetti tat-taħriġ stabbiliti hawn fuq kienu inklużi fl-istrateġiji Ewropej għat-taħriġ ġudizzjarju preċedenti, b'appoġġ sostanzjali tal-UE mogħti għall-iżvilupp ta' taħriġ biex jindirizzahom. Peress li dawn l-oqsma għadhom rilevanti, il-fornituri tat-taħriġ ġudizzjarju huma mistennija jkomplu jindirizzawhom bħala parti mill-attivitajiet tagħhom. L-appoġġ tal-UE se jkompli jiġi offrut, soġġett għall-fondi disponibbli.

**Azzjoni 13:** Jiġi żgurat li l-kurrikuli nazzjonali tat-taħriġ inizjali u l-offerta ta' taħriġ kontinwu għall-professjonisti tal-ġustizzja jindirizzaw:

- l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE fil-prattika ta' kuljum;
- il-leġiżlazzjoni ġdida u riveduta tal-UE u l-ġurisprudenza rilevanti tal-QĠUE;
- il-kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera f'materji ċivili u kriminali, inkluż il-korpi u l-aġenziji rilevanti tal-UE b'mandat ta' appoġġ għall-kooperazzjoni ġudizzjarja;
- l-acquis tal-UE fl-oqsma tad-drittijiet u s-salvagwardji proċedurali għall-persuni ssuspettati, akkużati u rikjesti kif ukoll għall-vittmi tal-kriminalità;
- l-acquis tas-suq uniku tal-UE, b'mod partikolari fil-qasam tal-moviment liberu.

### 2.4.3. Tkabbir

Sabiex jissodisfaw il-kriterji ta' sħubija mal-UE, il-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi kandidati potenzjali jridu jagħmlu użu mit-taħriġ ġudizzjarju sabiex jibnu ġudikatura indipendenti li hija ħielsa mill-korruzzjoni, u sistemi ta' ġustizzja diġitali effettivi u bbażati fuq l-għarfien. Huwa kruċjali wkoll li jkun hemm taħriġ dwar il-kompetenzi ġudizzjarji[57], il-ħiliet diġitali u d-dritt Ewropew b'fokus fuq l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali u l-applikazzjoni tagħhom fil-prattika ta' kuljum. L-appoġġ tal-UE għandu jkollu l-għan li jindirizza l-isfidi abbażi ta' valutazzjoni soda tal-ħtiġijiet tat-taħriġ u ta' approċċ orjentat lejn il-problemi. Barra minn hekk, it-taħriġ ġudizzjarju jrid ikollu rwol importanti fil-proċess ta' rkupru u rikostruzzjoni tal-Ukrajna.

[56] Id-Direttiva (UE) 2020/1828 dwar azzjonijiet rappreżentattivi għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi, u li tħassar id-Direttiva 2009/22/KE.

[57] Kompetenzi ġudizzjarji tfisser is-sett ta' ħiliet u attitudnijiet ta' professjonist tal-ġustizzja.

**Azzjoni 14:** Jiġi żgurat li t-taħriġ ġudizzjarju fil-pajjiżi kandidati u fil-pajjiżi kandidati potenzjali jindirizza:

- l-acquis tal-UE b'fokus fuq l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali;
- il-kompetenzi ġudizzjarji.

## 3. Il-kisba tal-objettivi u t-twettiq tal-azzjonijiet

### 3.1. Gruppi fil-mira u partijiet ikkonċernati

Din l-Istrateġija għat-Taħriġ Ġudizzjarju hija mmirata lejn il-ġudikatura u persunal ġudizzjarju: l-imħallfin, il-prosekuturi, il-persunal tal-qorti u tal-uffiċċju tal-prosekuzzjoni, u professjonisti oħra tal-ġustizzja assoċjati mas-sistema tal-ġustizzja (l-avukati li jaħdmu privatament, in-nutara, il-bailiffs, il-prattikanti fl-insolvenza, il-medjaturi, il-persunal tal-ħabs u tal-probation, u l-interpreti u t-tradutturi tal-qorti). L-istrateġija tindirizza l-ħtiġijiet inizjali/ta' induzzjoni u ta' taħriġ kontinwu, b'enfasi partikolari fuq il-multiplikaturi u l-persunal tal-qorti[58] bħala operaturi ta' għodod diġitali. Peress li l-ħtiġijiet tat-taħriġ ivarjaw skont il-gruppi professjonali u l-Istati Membri (jew il-pajjiżi kandidati), huwa importanti li n-networks u l-organizzazzjonijiet professjonali — flimkien mal-fornituri tat-taħriġ professjonali — ikunu involuti f'attivitajiet ta' taħriġ ġudizzjarju peress li huma jafu l-aħjar is-sitwazzjonijiet u l-ħtiġijiet varji ta' taħriġ tal-kategoriji ta' professjonisti tal-ġustizzja li jirrappreżentaw.

Għandha tingħata attenzjoni biex jiġu indirizzati d-disparitajiet u d-diskrepanzi fit-taħriġ dwar id-dritt tal-UE bejn l-Istati Membri, il-gruppi professjonali u r-reġjuni ġeografiċi. Id-disparitajiet bejn il-pajjiżi kandidati, inkluż fid-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja, għandhom jitqiesu wkoll meta jiġu inkorporati f'attivitajiet ta' taħriġ u networks rilevanti.

In-Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN, European Judicial Training Network) għandu rwol importanti bħala pjattaforma li tikkoordina t-taħriġ nazzjonali u transfruntier għall-ġudikatura u l-persunal ġudizzjarju.

Il-fornituri Ewropej tat-taħriġ bħall-Akkademja tal-Liġi Ewropea, l-Istitut Ewropew tal-Amministrazzjoni Pubblika, kif ukoll l-EJTN, il-Fondazzjoni Ewropea għall-Avukati (ELF, European Lawyers Foundation) u organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati tal-ġustizzja u benefiċjarji oħra tal-fondi tal-UE għandhom jorganizzaw taħriġ transfruntier bl-għan li jrawmu perspettiva Ewropea usa' fost il-parteċipanti u jiffaċilitaw il-kooperazzjoni transfruntiera, l-iskambju professjonali, u n-networking bejn il-professjonisti tal-ġustizzja. L-EJTN jinsab f'pożizzjoni tajba biex isaħħaħ il-fiduċja reċiproka, jippromwovi kultura ġudizzjarja Ewropea kondiviża, u jiżgura l-applikazzjoni konsistenti tad-dritt tal-UE fost il-ġudikatura u l-persunal ġudizzjarju fl-Istati Membri kollha. Dan jista' jkun issupplimentat u jittieħed f'livell aktar avvanzat mill-fornituri tat-taħriġ fil-livell nazzjonali.

Il-fornituri kollha tat-taħriġ fil-livell tal-UE għandhom ikunu l-muturi ta' approċċi innovattivi ta' taħriġ u jittestjaw metodi ġodda ta' taħriġ. Barra minn hekk, għandhom jiżviluppaw materjali ta' taħriġ lesti għall-użu jew li jistgħu jiġu adattati, tradotti fil-lingwi kollha tal-UE li jkopru suġġetti ta' taħriġ ta' prijorità tal-UE, u jagħmluhom disponibbli għal skopijiet ta' taħriġ nazzjonali. Tali materjali għandhom ikunu mfassla biex jakkomodaw kuntesti nazzjonali speċifiċi, oqfsa legali u

[58] Definit bħala "l-persunal ta' appoġġ tal-qrati u t-tribunali u tal-uffiċċji tal-prosekuturi, irrispettivament mill-isfond edukattiv jew l-istatus legali tagħhom" fl-istudju tal-KE Study on the Training Needs of Court Staff on EU Law in the EU.

ċirkostanzi prattiċi, u jkunu mfassla għall-ħtiġijiet ta' kategoriji differenti ta' professjonisti tal-ġustizzja jew ikunu jistgħu jiġu adattati għalihom.

In-Network Ġudizzjarju Ewropew f'materji kriminali (EJN-criminal, European Judicial Network in criminal matters) u n-Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali (EJN-civil, European Judicial Network in civil and commercial matters) jikkontribwixxu għat-taħriġ ġudizzjarju fil-qasam tal-kooperazzjoni transfruntiera billi jipprovdu riżorsi u għarfien espert, jappoġġaw l-apprendiment bejn il-pari, jiffaċilitaw l-aċċess għal informazzjoni prattika, u jikkooperaw mal-fornituri ta' taħriġ ġudizzjarju.

### 3.2. Ingranaġġ tal-finanzjament

F'konformità mal-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2023/2844, l-Istati Membri huma responsabbli li jiddedikaw parti mill-baġit tat-taħriġ tagħhom biex jiżguraw li l-professjonisti tal-ġustizzja u l-awtoritajiet kompetenti jitħarrġu biex jagħmlu użu effiċjenti mis-sistema tal-IT deċentralizzata stabbilita skont dak ir-Regolament u l-użu xieraq tal-vidjokonferenzi. Barra minn hekk, meta jużaw l-IA fil-ġustizzja, l-Istati Membri jridu jissodisfaw l-obbligi tagħhom tal-litteriżmu fl-IA li jirriżultaw mill-Artikolu 4 tal-Att dwar l-IA.

Permezz tad-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja, waħda mix-xejriet ewlenin ta' żmienna bħalissa qed issawwar mill-ġdid settur li huwa kruċjali għal soċjetà funzjonali. Hemm rikonoxximent wiesa' li t-taħriġ ġudizzjarju huwa komponent kruċjali[59] tal-ambjent favorevoli meħtieġ biex irendi din it-trasformazzjoni waħda ta' suċċess. Madankollu, it-taħriġ ġudizzjarju jibqa' kompetenza nazzjonali u l-baġits nazzjonali tat-taħriġ jiffurmaw is-sinsla tal-finanzjament f'dan il-qasam. Għalhekk, l-appoġġ finanzjarju tal-UE għat-taħriġ ġudizzjarju ma huwiex biżżejjed biex jinkiseb impatt sinifikanti waħdu. Għalhekk, jeħtieġ li jingħaqdu l-isforzi kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew biex jinkiseb l-għan komuni li d-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja tirnexxi bl-għajnuna tat-taħriġ. Il-Kummissjoni għandha l-għan li tuża l-fondi disponibbli biex tappoġġa t-taħriġ ġudizzjarju, tinkoraġġixxi lill-awtoritajiet nazzjonali, lill-istituzzjonijiet tat-taħriġ ġudizzjarju u lill-korpi professjonali biex iwettqu azzjonijiet u jimplimentaw l-objettivi ta' din l-istrateġija skont il-ħtiġijiet differenti tal-Istati Membri. B'dan il-mod, il-finanzjament tal-UE jista' jiġġenera effett ta' ingranaġġ fuq il-baġits nazzjonali.

Il-Programm dwar il-Ġustizzja se jkollu rwol ewlieni għall-implimentazzjoni ta' din l-Istrateġija għat-Taħriġ Ġudizzjarju billi jipprovdi għotjiet għal azzjoni u għotjiet operattivi għall-finanzjament ta' proġetti ta' taħriġ transfruntier. Il-Kummissjoni se ttejjeb il-koordinazzjoni interna sabiex programmi oħra tal-UE li jikkontribwixxu għat-taħriġ tal-professjonisti tal-ġustizzja[60] jkunu konsistenti mal-prijoritajiet ta' din l-Istrateġija għat-Taħriġ Ġudizzjarju. L-istrumenti ta'

---

[59] Ara pereżempju l-paġna 6 tal-istrateġija tal-Kunsill dwar il-ġustizzja elettronika 2024–2028, li tindika li "[l]-attivitajiet ta' bini tal-kapaċitajiet u ta' taħriġ ser jgħinu lill-utenti jaħtfu l-opportunitajiet ippreżentati mit-trasformazzjoni diġitali, billi jipprovdulhom servizzi pubbliċi effettivi u ta' kwalità għolja fil-qasam tal-ġustizzja. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lit-taħriġ inizjali u kontinwu mogħti lill-professjonisti tal-ġustizzja, li jappoġġa l-iżvilupp tal-ħiliet professjonali diġitali, f'konformità mal-istrateġiji Ewropej għat-taħriġ ġudizzjarju. jew il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-użu tal-intelliġenza artifiċjali fil-qasam tal-ġustizzja li "[jistiednu lill-EJTN] u lill-awtoritajiet jew lill-korpi nazzjonali responsabbli għat-taħriġ ġudizzjarju biex iqisu l-ħtieġa ta' taħriġ u responsabbilizzazzjoni tal-professjonisti tal-ġustizzja biex ilaħħqu mad-diġitalizzazzjoni tas-sistemi ġudizzjarji" u jappellaw għal "taħriġ li [jiffoka] fuq id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja, inkluż l-IA għall-professjonisti tal-ġustizzja".

[60] Eżempji ta' programmi rilevanti fl-ambitu tal-QFP attwali: il-Programm tas-Suq Uniku, il-Programm LIFE, il-Fond għas-Sigurtà Interna, il-Programm tal-Unjoni Ewropea Kontra l-Frodi, il-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni III, l-Istrument ta' Assistenza Teknika.

finanzjament iridu jkunu ġestiti u kkoordinati aħjar biex isir l-aktar użu effiċjenti tal-baġits disponibbli u biex jiġi massimizzat l-użu tal-opportunitajiet ta' finanzjament eżistenti. Barra minn hekk, l-objettivi u l-azzjonijiet ta' din l-istrateġija jeħtieġu koordinazzjoni u integrazzjoni aktar b'saħħithom fil-livelli strateġiċi, tematiċi u operazzjonali. Fil-qasam tad-dritt kriminali, kooperazzjoni aktar b'saħħitha mal-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT, European Multidisciplinary Platform Against Criminal Threats) u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL, European Union Agency for Law Enforcement Training) ittejjeb il-konsistenza tat-taħriġ disponibbli, filwaqt li tiżgura koordinazzjoni b'saħħitha bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji u potenzjalment il-kisba ta' ekonomiji ta' skala.

Diġà fl-ambitu tal-QFP attwali, il-finanzjament tal-UE u dak nazzjonali għat-taħriġ ġudizzjarju jrid jiġi kkoordinat aħjar sabiex jiġi mmassimizzat l-impatt tagħhom. Tabilħaqq, sinerġiji effettivi bejn id-diversi strumenti ta' finanzjament tal-UE u bejn l-istrumenti ta' finanzjament tal-UE u l-baġits nazzjonali huma essenzjali biex jiġi evitat it-trikkib u jiġi żgurat li l-kontenut tat-taħriġ ikun allinjat mill-qrib mal-ħtiġijiet fil-prattika.

Fl-ambitu tal-QFP li jmiss[61], li jkopri l-perjodu 2028–2034, il-Kummissjoni pproponiet li tagħmel il-baġit tal-UE aktar sempliċi u flessibbli, li jippermetti li l-finanzjament jiġi allokat għal prijoritajiet ġodda u ħtiġijiet li jinbidlu. Wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-QFP il-ġdid huwa li jegħleb il-frammentazzjoni, it-trikkib, id-disparitajiet u r-regoli differenti ta' finanzjament u li jiġbor flimkien diversi għodod ta' finanzjament biex jikkoordina u jimmira aħjar l-infiq. Għalhekk, fl-ambitu tal-QFP li jmiss, il-Programm dwar il-Ġustizzja se jkompli jiffoka fuq l-appoġġ għad-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja u t-taħriġ relatat. Filwaqt li l-Kummissjoni rrikonoxxiet li l-Programm dwar il-Ġustizzja għandu jappoġġa d-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja fil-livell tal-UE[62], hija pproponiet li żżid b'mod konsiderevoli l-baġit tagħha, li se jappoġġa t-taħriġ ġudizzjarju għad-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja. Barra minn hekk, l-Istati Membri se jirċievu appoġġ għad-diġitalizzazzjoni tas-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali tagħhom u għal taħriġ relatat permezz tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali[63]. Dawn il-pjanijiet ta' sħubija se jkunu ankrati fil-prijoritajiet Ewropej iżda mfassla għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istati Membri u tar-reġjuni. Għalhekk l-Istati Membri se jkunu jistgħu jieħdu vantaġġ minn din l-opportunità billi jinkorporaw il-prijoritajiet tal-Istrateġija għat-Taħriġ Ġudizzjarju fil-pjanijiet nazzjonali tagħhom.

L-objettivi tal-Istrateġija għat-Taħriġ Ġudizzjarju se jintlaħqu aħjar permezz ta' aktar trasparenza u kooperazzjoni u koordinazzjoni msaħħa bejn il-partijiet ikkonċernati kollha involuti fit-taħriġ ġudizzjarju. Il-Kummissjoni beħsiebha tappoġġa dawn l-isforzi billi tipprovdi inċentivi għall-fornituri tat-taħriġ nazzjonali l-aktar effettivi biex jgħinu lil ħaddieħor permezz ta' sħubijiet reġjonali u billi tippromwovi l-użu koordinat ta' strumenti ta' finanzjament sabiex jinkiseb titjib fit-tul madwar l-UE.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni diġà enfasizzat li allinjament aħjar bejn il-prijoritajiet ta' investiment tal-UE u dawk nazzjonali jista' jimmassimizza l-impatt u l-effettività tal-finanzjament

[61] COM/2025/571 - Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2028 sal-2034.
[62] COM(2025) 570 - Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Baġit tal-UE dinamiku għall-prijoritajiet tal-futur - Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2028–2034, p. 18.
[63] COM(2025) 565 - Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028–2034, il-premessa 20 u l-Artikolu 3(1)(e)(II).

relatat mat-taħriġ[64]. Dan ifisser li r-riżultati tat-taħriġ miksuba permezz tal-baġits nazzjonali tat-taħriġ jistgħu jiġu ottimizzati jekk l-Istati Membri jallinjaw u jikkoordinaw l-objettivi tat-taħriġ nazzjonali tagħhom mal-objettivi u l-azzjonijiet ta' din l-istrateġija, filwaqt li jfassluhom għall-ħtiġijiet nazzjonali. Dan jista' jittejjeb billi l-Istati Membri jaħdmu flimkien biex jindirizzaw sfidi komuni. Il-finanzjament nazzjonali u tal-UE kkoordinat jista' jipproduċi sinerġiji li jgħinu jipprovdu l-ambjent favorevoli meħtieġ għad-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja, filwaqt li jagħmlu l-isforzi ta' taħriġ aktar sostenibbli u jingranaw l-innovazzjoni u l-kapaċità. Mudell minn isfel għal fuq, ikkomplementat minn koordinazzjoni fil-livell tal-UE, jista' jagħti s-setgħa lill-Istati Membri biex jagħmlu użu kemm mill-baġits nazzjonali kif ukoll mill-baġits tal-UE.

In-networks Ewropej li jikkoordinaw il-membri nazzjonali tagħhom se jkunu strumentali biex jintlaħqu l-objettivi u fit-twettiq tal-azzjonijiet tal-Istrateġija għat-Taħriġ Ġudizzjarju. B'mod partikolari, in-networks Ewropej tal-fornituri tat-taħriġ ġudizzjarju, bħall-EJTN jew il-Kunsill tal-Għaqdiet Ewropej tal-Avukati (CCBE, Conseil des barreaux européens) permezz tal-ELF għandhom jikkoordinaw l-isforzi tal-istituzzjonijiet nazzjonali tat-taħriġ ġudizzjarju u l-korpi professjonali li joħolqu ambjent favorevoli għad-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja u jiżguraw is-sinerġiji, l-impatt u l-ottimizzazzjoni tal-finanzjament imsemmija hawn fuq. Dawn in-networks għandhom jaħdmu biex jallinjaw l-inizjattivi ta' taħriġ iffinanzjati mill-UE u ffinanzjati fil-livell nazzjonali u jistabbilixxu kanali ta' komunikazzjoni strutturati bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-fornituri ta' taħriġ nazzjonali. Dan il-prinċipju jrid jiggwida kif jintuża l-finanzjament tal-Kummissjoni min-networks Ewropej li jappoġġaw it-taħriġ tal-professjonisti tal-ġustizzja fl-Istati Membri filwaqt li jiżgura li r-riżorsi jwasslu għal effetti ta' ingranaġġ b'saħħithom fl-Istati Membri kollha.

Hemm għadd ta' networks professjonali fil-livell tal-UE li jista' jkollhom ukoll rwol ewlieni biex jgħinu biex tinkiseb komunikazzjoni strutturata u effettiva bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-partijiet ikkonċernati tal-ġustizzja u l-fornituri tat-taħriġ fil-livell nazzjonali. Dawn jinkludu n-Network Ewropew tal-Kunsilli għall-Ġudikatura, in-Network tal-Presidenti tal-Qrati Ġudizzjarji Supremi tal-Unjoni Ewropea, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli tal-Istat u tal-Ġuriżdizzjonijiet Amministrattivi Supremi tal-Unjoni Ewropea, in-Network tal-Prosekuturi Pubbliċi jew istituzzjonijiet ekwivalenti fil-Qrati Ġudizzjarji Supremi, is-CCBE, il-Kamra Ewropea tal-Avukati Kriminali, il-Kunsill tan-Notarjati tal-Unjoni Ewropea, l-Unjoni Ewropea tar-Rechtspfleger, l-Unjoni Ewropea tal-Uffiċjali Ġudizzjarji, il-Fondazzjoni Ewropea tal-Bailiffs, l-Organizzazzjoni Ewropea tal-Ħabsijiet u s-Servizzi Korrettivi, il-Konfederazzjoni Ewropea tal-Probation, kif ukoll assoċjazzjonijiet ta' professjonisti tal-ġustizzja. Dawn in-networks iridu jippromwovu u jikkontribwixxu għal taħriġ li huwa allinjat mal-objettivi u s-sejħiet għal azzjoni tal-Istrateġija għat-Taħriġ Ġudizzjarju, jappoġġaw il-bini tal-kapaċitajiet fost il-fornituri tat-taħriġ nazzjonali, jaqsmu prattiki tajbin, jistabbilixxu standards, jgħaqqdu lill-partijiet ikkonċernati u jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri dwar programmi u proġetti ta' taħriġ.

**Azzjoni 15:** Jiġi żgurat li l-finanzjament tal-UE jintuża min-networks Ewropej tal-fornituri tat-taħriġ biex jikkoordinaw l-isforzi tal-membri tagħhom u jiksbu sinerġiji bejn it-taħriġ iffinanzjat mill-UE u dak iffinanzjat fil-livell nazzjonali, bil-ħsieb li jitrawwem ambjent favorevoli għad-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja.

### 3.3. Appoġġ mill-Kummissjoni

[64] COM(2025) 570 - Komunikazzjoni tal-Kummissjoni. Baġit tal-UE dinamiku għall-prijoritajiet tal-futur - Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2028–2034, p. 24.

Il-Pjattaforma Ewropea għat-Taħriġ (ETP, European Training Platform) tal-Kummissjoni se tiġi estiża aktar biex tipprovdi sett ta' għodod ta' taħriġ ġudizzjarju verament komprensiv li joffri materjal ta' taħriġ komplementari ta' kwalità għolja ffinanzjat minn diversi sorsi li huwa mifrux sew, ikkoordinat u viżibbli ħafna. Għandha trawwem sinerġiji u tevita d-duplikazzjoni u t-trikkib sabiex timmassimizza l-impatt tar-riżorsi u l-baġits disponibbli. Barra minn hekk, l-ETP se tospita materjal lest għall-użu, kemm għal-apprendiment individwali kif ukoll għall-użu mill-multiplikaturi, li jista' jiġi adattat aktar għall-kuntest u l-ħtiġijiet nazzjonali u potenzjalment jappoġġa l-interoperabbiltà tal-pjattaformi nazzjonali tat-taħriġ ġudizzjarju.

Id-Dashboard tat-Taħriġ Ġudizzjarju dwar l-ETP se jgħin biex l-impatt ta' din l-Istrateġija għat-Taħriġ Ġudizzjarju jiġi mmonitorjat b'mod sistematiku u juri kif l-Istati Membri ssodisfaw l-obbligi legali tagħhom relatati mat-taħriġ[65], ħolqu ambjent favorevoli għad-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja, u ppromwovew l-aħjar prattiki li jirriżultaw minn stejjer ta' suċċess nazzjonali u Ewropej. Id-data statistika miġbura mid-Dashboard tat-Taħriġ Ġudizzjarju se tkun limitata għal indikaturi essenzjali u tinġabar skont standards ċari li jippermettu l-komparabbiltà tad-data minn sorsi differenti. Id-data se tinġabar f'intervalli regolari. Barra minn hekk, se sservi biex jitkejjel il-progress lejn l-objettivi tat-taħriġ ġudizzjarju u l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet meħtieġa fl-Istati Membri u l-gruppi professjonali, b'enfasi partikolari fuq it-tranżizzjoni diġitali tas-sistemi tal-ġustizzja u l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE.

Forum tat-taħriġ ġudizzjarju li jiġbor flimkien firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati mill-qasam tat-taħriġ ġudizzjarju jista' jservi bħala miżura addizzjonali orjentata lejn ir-riżultati biex jappoġġa l-kisba tal-Istrateġija għat-Taħriġ Ġudizzjarju billi jiffoka fuq l-outreach u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati. Forum bħal dan jista' jimmira li jindirizza d-diskrepanzi u d-disparitajiet fit-taħriġ bejn l-Istati Membri, il-gruppi professjonali u ż-żoni ġeografiċi.

Huwa importanti li t-taħriġ ġudizzjarju Ewropew u nazzjonali jużа metodi ta' taħriġ prattiċi u b'involviment dirett biex jgħin lill-professjonisti jadattaw għall-ambjenti tax-xogħol dejjem aktar diġitali u jassorbu prattiki ġodda. It-taħriġ wiċċ imb wiċċ huwa essenzjali u għandu jiġi kkomplementat mill-apprendiment mill-bogħod biex jitħejja u jiġi segwit it-taħriġ wiċċ imb wiċċ, li japprofondixxi l-effetti tal-apprendiment. Jistgħu jinkisbu wkoll benefiċċji ulterjuri billi tiżdied il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki jew billi jiġu organizzati skambji professjonali u taħriġ professjonali trasversali. L-IA tista' wkoll tiġi integrata aħjar fit-taħriġ ġudizzjarju nnifsu, pereżempju biex tgħin lill-professjonisti jitgħallmu u jżommu ruħhom aġġornati dwar l-iżviluppi legali, biex tiġġenera simulazzjonijiet interattivi tad-dinja reali jew biex tippermetti li l-ħiliet professjonali jiġu pprattikati u żviluppati. Għodod diġitali oħra, bħar-realtà virtwali, jistgħu jintużaw, fejn xieraq, biex jakkomodaw stili u ħtiġijiet ta' apprendiment differenti. It-taħriġ ġudizzjarju għandu jkun aċċessibbli wkoll għall-prattikanti li jaħdmu f'żoni iżolati jew remoti ta' Stat Membru. Iċ-ċertifikazzjoni għandha tkun kompatibbli bejn il-ġuriżdizzjonijiet u l-metodoloġiji tat-taħriġ għandhom jevitaw ukoll it-trikkib jew id-duplikazzjoni. Is-sostenibbiltà trid tiġi żgurata billi jiġu permessi aġġornamenti regolari tal-kontenut tat-taħriġ.

L-evalwazzjoni tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku tat-taħriġ trid issir l-istandard u prekundizzjoni biex wieħed jirċievi l-appoġġ tal-UE. Il-fornituri tat-taħriġ għandhom japplikaw metodi ta' evalwazzjoni xierqa għat-tip ta' taħriġ ipprovdut, li jkejlu mhux biss il-firxa tal-attivitajiet ta' taħriġ, iżda wkoll l-impatt fit-tul tagħhom. Għal dan il-għan, għadha tintuża firxa ta' għodod inkluż użu aktar sistematiku mit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE li timmonitorja l-effiċjenza,

[65] L-Artikolu 4 tal-Att dwar l-IA u l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2023/2844.

il-kwalità u l-indipendenza tas-sistemi tal-ġustizzja nazzjonali. L-evalwazzjoni għandha tiġi segwita b'miżuri konkreti bħar-rapportar dwar stejjer ta' suċċess jew it-twettiq ta' rieżamijiet bejn il-pari biex jiġi ttestjat kif ir-riżultati tal-apprendiment ġew implimentati u applikati fil-post tax-xogħol u l-organizzazzjoni tal-parteċipanti. L-attivitajiet kollha tal-evalwazzjoni għandhom fl-aħħar mill-aħħar ikunu effettivi, jagħmlu użu mix-xjenza ta' implimentazzjoni, u japplikaw metodi u strateġiji li jimmonitorjaw kif l-apprendiment intuża professjonalment, jiġifieri kif id-"diskrepanza bejn l-għarfien u l-prattika" tnaqqset.